

It-Tlieta 18 ta' Ottubru 2022

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2022)0357

Ħatra ta' membru tal-Qorti tal-Awdituri – Laima Liucija Andrikenė**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2022 dwar il-ħatra proposta ta' Laima Liucija Andrikenė għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C9-0301/2022 – 2022/0807(NLE))**

(Konsultazzjoni)

(2023/C 149/08)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament (C9-0301/2022),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 129 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0239/2022),
- A. billi, bl-ittra tal-24 ta' Awwissu 2022, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta' Laima Liucija Andrikenė għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;
- B. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu evalwa l-kwalifiki ta' Laima Liucija Andrikenė, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; billi, fil-qafas ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva minn Laima Liucija Andrikenė *curriculum vitae* kif ukoll it-tweġibiet tagħha għall-kwestjonarju miktub li kien indirizzat lilha;
- C. billi l-kumitat imbagħad, fis-6 ta' Ottubru 2022, ipproċeda b'seduta ta' smiġħ ta' Laima Liucija Andrikenė, li matulha din għamlet stqarrija preliminari, u wara wieġbet għall-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-kumitat;
- 1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Laima Liucija Andrikenė għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;
- 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.